**Is-Seba laqgħa tas-Sotto Kumitat ta' l-Organizzazzjoni t' Attivitajiet fin-Nadur**

**Nhar it-Tlieta 4 ta' Diċembru 2012 fis-7:00 p.m**

**Preżenti:**

Charles Said, Sindku
Eucharist Camilleri, Viċi Sindku
Josianne Cutajar, Kunsillier
Maria Natoli, Kunsillier
Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv
Andrew Muscat
Peter Paul Buttigieg
Sammy Buttigieg
Dun Salv Pace
Raymond Vella
Antonia Portelli
Charlie Xuereb
Kenneth Portelli

---

**1.** Il-laqgħa bdiet b'talba speċjali għar-ruh Bryan Portelli u tmexxiet mis-Sindku.

**2.** **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-sitt laqgħa ġew approvati w iffirmati.

**3.** **Wine Festival 2013.** Is-Sindku ppropona li l-Wine Festival 2013 issir mill-Gimgħa 16 ta' Awwissu sal-Ħadd 18 ta' Awwissu peress li f'dan il-"weekend" mhux ser ikun hemm festi. Bħala special guest il-Kunsill talab kwotazzjoni mill-band popolari "Red Electric".

**4.** **Programm ta' Jum il-Kunsill.** Il-Kunsill ħassar diversi attivitajiet li kellhom issiru ta' Jum il-Kunsill minħabba l-mewt ħesrem ta' Bryan Portelli. Saru biss il-blood donation drive, u wara l-funeral saru l-intervista ma James Azzopardi, il-kunċert fil-knisja tal-Qalb ta' Gesu, il-quddiesa ta' Radd il-Hajr u tournament tal-futboll. Is-serata tal-għoti tal-Premju Gieh in-Nadur saret fit 30 ta' Novembru fis-sala ta' Kunsill, minflok kif ippjanat fit-Teatru MBC, u dan wkoll minħabba luttu.

**Charles Said, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**

5. **Attivitajiet tal-Milied.** Ser issir suq fil-miftuh speċjali għal Milied nhar il-Ħadd 16 ta' Diċembru fi Pjazza San Pietru u San Pawl. L-Għaqdiet tar-raħal huma mistiedna wkoll jarmaw stand.

6. **Kunċert minn ABBA Gold.** Il-Kunsill tan-Nadur ser jieħu sehem mal-Kunsill tal-Mellieha sabiex isiru zewġ kunċerti wieħed fin-Nadur u iehor fil-Mellieha mit-tribute band ta' ABBA gold. Dan ser issir fi Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri (il-Pjazzetta) nhar l-Erbgħa 19 ta' Diċembru. Is-Sindku flimkien mas Segretarju Ezekuttiv, qed jieħdu ħsieb jiġbru diversi sponsors għal dan il-Kunċert .

7. **Attivita' għat-Tfal.** Ġie ssuġġeriet li ssir attivita' għat-tfal fil-jiem tal-vaganzi tal-Milied. Din l-attivita tkun għat-tfal minn Year 3 sa Year 6.

8. **Karnival 2013.** Il-Kunsill applika biex jieħu fondi mill-iskema ta' Attivitajiet Kulturali għall-Karnival 2013.

9. **Miss Queen Carnival.** Kenneth Portelli li jirreprezenta il-Kummissjoni Zgħazagħ Imnarja informa lill-Kunsill li l-attivita' ta' Miss Queen Carnival din is-sena ser tiġi organizzata mil Model International u għalhekk ser tkun differenti mis-snin ta' qabel u ta' ċertu livell. Hu talab l-għajnuna tal-Kunsill f'din l-attivita. Il-Kunsill għandu jiddiskuti mal-għaqda kif jista jgħin.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:45 p.m.

**Charles Said, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv**